# QORTI TA' L-APPELL

## (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 14 ta' Gunju, 2001**

**Numru 3**

**Avviz Nru. 1843/97 MM**

**Decman Company Limited**

**vs**

**Carmelo Caruana Company Limited**

**Il-Qorti,**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-3 ta' Ottubru, 2000, fil-kawza fl-ismijiet premessi, liema sentenza taqra kif gej:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz ippresentat mis-socjeta' attrici fl-1 ta' Settembru 1997 fejn talbet lill din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallasha s-somma ta' Lm1000 bhala danni sofferti mill-attur f'importazzjoni ta' konsenja ta' tnax-il kaxxa ta' "blinds materials"

li wasslu Malta fl-1 ta' Marzu, 1997 abbord il-vapur KATHOLM, ghal liema hsarat huwa responsabbli.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet mid-data tal-presentata tal-avviz kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi preliminarjament in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti ai termini tal-Art 47 tal-Kap 12 stante li t-talba teccedi l-elf lira Maltin (Lm1000).

2. Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit il-merkanzija n-kwistjoni ngarret go "groupage container" u d-danni allegatament sofferti saru minhabba "stuffing" hazin minn Vintage Double E Limited bhala agenti ta' Clipper Navigation Company li huma rappresentati Malta minn Gatt Shipping Services Limited, li bir-rispett ghandhom jigu kjamati fil-kawza.

Rat is-sentenza taghha tal-25 ta’ Mejju 1998 fejn idderemiet il-kwistjoni ta’ kompetenza mqajjma mis-socjeta’ konvenuta fl-ewwel eccezzjoni taghha.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda talba ghall kumpens ta’ elf lira (Lm1000) ghal hsara kawzata lil tnax-il kaxxa “blinds material” li giet importata mis-socjeta’ attrici permezz tal-vapur KATHOLM li wasal Malta fis-26 ta’ Frar 1997. Is-socjeta’ attrici qieghdha timputa din il-hsara ghal xi operat maghmul mis-socjeta’ konvenuta.

Irrizulta mill-provi illi t-trasport tal-merkanzija ordnata mis-socjeta’ attrici giet organizzata mis-socjeta’ konvenuta illi qabdu lill-”principals” taghhom l-Ingilterra li jisimhom Damco Limited li minnahha taghhom qabdu lil Vintage Company Limited rappresentata minn Gatt Shipping. Skond ix-xhieda ta’ Tony Micallef a fol 23, korroborata mid-dokumenti, l-merkanzija li ngabet Malta ngabet permezz ta’ Groupage Container li tfisser illi f’dan il-container kien hemm merkanzija ohra ta’ terzi li kienet qed tigi trasportata fl-istess hin. Irrizulta illi dan il-container kellu

n-numru GSTU 690083/3 u li wasal Hal Far fit-28 ta' Frar 1997. Dakinhar stess infetah u kien jidher li kien hemm hsarat f'xi merkanzija illi kien hemm stivata fih, ghalhekk is-socjeta' attrici baghtet lil Aldo Abela bhala surveyor in rappresentanza tal-Valletta Survey Company Limited sabiex jara din il-hsara, jaghmel l-istima u jasal ghal xi konkluzzjonijiet tieghu. Kopja ta' dan is-survey jinsab esibit f'dawn l-atti a fol 27. Skond dan ir-rapport irrizulta illi fost il-merkanzija li kien hemm stivata f'dan il-container kien hemm "cable roll" ta' erbat elef kilogramm. Ma kien hemm l-ebda "lashing material" ma' dan il-cable u setgha ta l-kaz li dana beda jiccaqlaq minn post ghall-iehor waqt it-tragitt biex b'hekk ghamel il-hsara lill-merkanzija tas-socjeta' attrici. Fil-fatt l-istess Aldo Abela a fol 34 tal-process ikkonkluda illi "therefore it may be deducted that the cable roll started shifting probably during transit and hance damaged the other articles in the container amongst which was Decman's consignment".

Irrizulta illi dan il-"cable roll" kien proprjeta' ta' terzi u ma kienx responsabbilta' tas-socjeta' konvenuta illi jiehu hsieb it-trasport tieghu minn nahha l-ohra. Ma ngabet l-ebda prova illi kien hemm xi nuqqas da parti tas-socjeta' konvenuta jew inkella l-agenti taghhom ghal dak li jirrigwarda l-ippakkjar u stivar tal-merkanzija proprjeta' tas-socjeta' attrici.

Ikkunsidrat:

Illi fin-nota tas-socjeta' attrici tal-25 ta' Lulju 2000 ppresentat kopji tas-sentenzi illi skond l-istess socjeta' attrici jiggustifikaw l-istanza taghha. Fil-fatt inghad f'kawza minnhom fl-ismijiet <u>Dr Peter Borg Costanzi noe vs Joseph Hili</u> deciza mill-Prim'Awla fis-7 ta' Lulju 2000 li "huwa minnu li jirrizulta li l-istess socjeta' konvenuta proprio qabbdet lil terzi sabiex jaghmlu dan it-trasport pero' l-istess socjeta' konvenuta proprio fil-konfront tas-socjeta' importattrici dejjem tibqa' responsabbli, ovvjament salv id-dritt ta' l-istess socjeta' konvenuta proprio li tesixxi kontra terzi". L-istess inghad fil-kawza l-ohra imsemmija fl-istess nota <u>Paul Musu' vs Francis Vella</u> deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru,1998.

Filwaqt li din il-Qorti taqbel ma' dan l-argument kif propost f'dawn iz-zewg kawzi jidhrilha pero' illi biex dan l-argument javvera ruhu jrid almenu jirrizulta xi prova ta' responsabbilta' jew tas-socjeta' konvenuta jew ta' l-agenti taghha. Din ir-responsabbilta tista tavvera ruhha f'diversi modi ghal dak li jirrigwarda l-ippakkjar, l-istivar ta' l-oggetti illi jigu mibghuta mill-esteru. F'dan il-kaz pero' ma jistax jinghad illi gie ppruvat xi nuqqas da parti tas-socjeta' konvenuta jew l-agenti taghha. Mill-

istess atti tal-kawza specjalment mir-rapport tas-surveyor Aldo Abela rrizulta car u tond illi l-hsarat ikkawzati fil-merkanzija tas-socjeta' attrici gew ikkawzati minn merkanzija ohra proprjeta' ta' terzi illi maghha s-socjeta' konvenuta ma ghandha x'taqsam xejn. Id-danni jridu jirrizultaw almeno "ex dolo" izda f'dan il-kaz lanqas hemm ma waslu ghax ma rrizulta ebda tort fl-agir tas-socjeta' konvenuta.

Fil-kawza "Dr H Lenicker vs J Camilleri" deciza mill-Prim'Awla fil-31 ta' Mejju 1972 inghad "…………f'kawza civili l-attur li jallega li gratlu hsara b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli". Fuq l-iskorta tal-provi prodotti l-unika konkluzzjoni li tista tasal ghaliha din il-Qorti hi li s-socjeta' attrici naqqset li tipprova t-talbiet taghha b'sodisfacenti u konvincenti u cioe' li s-socjeta' konvenuta hija responsabbli ghal hsarat subiti fil-merkanzija taghha u ghalhekk fuq l-iskorta tal-principju "actors non probante reus absolvitur" it-talbiet tas-socjeta' attrici jimmeritaw li jkunu michuda.

Ghal dawn il-motivi.

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi li tichad it-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra taghha salv dak li nghad dwar is-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Mejju 1998".

Mill-istess sentenza appellat is-socjeta' attrici, cioe' Decman Company Limited permezz ta' rikors ta' appellipprezentat fl-20 ta' Ottubru, 2000 li bih din il-Qorti ntalbet tirrevoka s-sentenza appellata u billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.

Is-socjeta' konvenuta ipprezentat risposta ta' l-appell fis-26 ta' Ottubru, 2000, li biha talbet ic-cahda ta' l-appell u l-konferma tas-sentenza appellata bl-ispejjez.

L-aggravju ta' l-appellant huwa essenzjalment is-segwenti:-

1. Skond l-appellant l-ewwel Onorabbli Qorti zvijat ruhha billi spustat il-piz tal-prova minn fuq is-socjeta' konvenuta ghal fuq is-socjeta' attrici.

2. Skond hu, fil-kaz odjern, huwa, bhala attur, kellu obbligu sabiex igib prova ta' zewg affarijiet u cioe': -

> a) illi meta l-merkanzija giet konsenjata lis-socjeta' konvenuta jew lis-sub-kontratturi minnha inkarigati, li din il-merkanzija kienet fil-kundizzjoni tajba; u
>
> b) illi meta l-merkanzija giet biex tigi konsenjata lill-konvenut, din ma kienetx f'kondizzjoni tajba u cioe' kienet f'kundizzjoni danneggjata.

X'gara nel frattemp huwa kollu fir-responsabilita' tal-konvenut, liema konvenut ikollu r-responsabilita' ghat-trasport shih mill-bidu sa' l-ahhar tat-tragitt u imbaghad ikun hemm, se mai, solidarjeta' mar-responsabilita' mal-varji sub-kuntratturi flimkien mal-konvenut, jekk ikun hemm iktar minn kumpanija wahda li tkun responsabbli vis-à-vis l-attur.

3. Fil-kaz odjern ir-relazzjoni kontrattwali kienet dik bejn iz-zewg partijiet f'din il-kawza u huwa jissottometti li kien hawn fejn l-ewwel Qorti zbaljat.

4. Fil-fehma ta' l-appellant il-kawza odjerna mhix wahda bazata fuq delitt jew kwazi delitt, izda hija bazata fuq nuqqas ta' adempjenza kontrattwali.

5. Il-kawza nfatti hija bazata fuq il-kuntratt ta' trasport li gie miftiehem bejn iz-zewg partijiet, u ghalhekk f'dan ir-rigward japplika fil-konfront tas-sitwazzjoni dak li hemm dispost fl-artikoli 1628 et sequitur tal-Kodici Civili. F'dan ir-rigward it-trasportatur huwa meqjus bhala depositarju u ghalhekk huwa meqjus dejjem bhala responsabbli u jkun ghalih li jgib prova li t-telf jew danni saru minhabba kaz fortuitu jew minhabba forza irrezistibbli li ma kellhom l-ebda htija fiha. Il-piz tal-prova ghalhekk jaqa' fuq is-socjeta' konvenuta.

6. F'dan ir-rigward l-appellant jaghmel riferenza wkoll ghall-artikolu 1642 tal-Kodici Civili li, stante illi, l-attur issubappalta parti mit-trasport lil terzi, jfisser li jekk dawn it-terzi kienu negligenti, il-konvenut bhala principal jibqa' dejjem responsabbli vis-à-vis l-attur.

7. Skond l-appellant ir-relazzjoni bejn il-konvenut u s-subkontratturi tieghu hija wahda ta' bejniethom u li fiha ma tidholx is-socjeta' attrici, u ghalhekk, gialadarba l-attur ghogbu jipprezenta l-kawza tieghu fuq bazi kuntrattwali, huwa l-istess konvenut li ghandu jwiegeb ghad-danni sofferti mill-attur, imbaghad sta ghalih, jekk jidhirlu li jkun il-kaz, li jaghmel azzjoni ta' rivalza kontra s-sub-kuntratturi tieghu.

8. Fl-ahhar nett in succint l-appellant jissottometti li kien hawn fejn l-ewwel Qorti zvijat ruhha, u, fil-fehma tieghu, ghandu jirrizulta car li r-responsabilita' tal-hsarat fil-merkanzija in kwistjoni taqa' fuq is-socjeta' konvenuta u li l-fatt li l-merkanzija l-ohra kienet gewwa *groupage container* kienet jew ma kienetx taht ir-responsabilta' tal-konvenut, huwa aspett totalment irrilevanti ghall-kaz odjern. Infatti gialadarba s-socjeta' konvenuta ghogobha ggib il-merkanzija fi groupage container ma' importaturi ohra, ma' socjetajiet jew sub-kuntratturi ohra, dan hu aspett li m'ghandu l-ebda rilevanza ghall-azzjoni odjerna. Certament l-attur ma jidholx f'din il-kwistjoni. Ir-relazzjoni guridika ta' l-attur hija mal-konvenut, u difatti, meta jigi ghall-hlas tal-*freight*, huwa obbligat li jhallas, jekk ikun il-kaz, lill-konvenut u lil hadd izjed. Huwa m'ghandu l-ebda obbligi jew responsabbilitajiet fil-konfront tas-sub-kuntratturi l-ohra, li del resto ghandhom, se mai, relazzjoni biss mal-konvenut u mhux mas-socjeta' attrici.

In risposta ghal dan l-appell is-socjeta' konvenuta tissottometti li d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti hija ineccepibbli. Huma jaghmlu riferenza ghal-ligi applikabbli f'dan il-kaz, cioe' il-Hague Rules u ghal dak li hemm fil-ktieb "Marine Cargo Claims" ta' William Tetley, QC. (2nd Edition pg 54):-

> "Initially it is the claimant who has the burden of proof and to make his case he must prova all six of the following facts:
>
> 1. That the claimant is the owner of the goods and that he is entitled to make the claim.
> 2. The contract or the tort.
> 3. That the person claimed against is the responsible person.
> 4. That the loss or damage took place in the carrier's hands. This is usually done by proving the condition of the goods when received by the carrier and the condition at discharge.
> 5. The physical extent of the damage or loss.
> 6. The actual monetary value of the loss or damage.
>
> Wara li l-attur jaghmel dawn il-provi, l-oneru jdur fuq it-trasportatur. Sabiex jeskolpa ruhu jrid jipprova s-segwenti:-
>
> 1. The cause of the loss.
> 2. Due diligence to make the vessel sea-worthy before the voyage.
> 3. One of the following exculpatory facts (fosthom)
>    (a) fault of the shipper;
>    (b) Insufficiency of packing;
>    (c) Any other cause".

Skond l-appellati s-socjeta' appellanti ma ressqitx il-provi rikjesti sabiex l-oneru tal-prova jaqa' fuqhom, u anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, din il-Qorti jidhrilha li l-grad tal-prova ta' responsabilita' ingiebet xorta

wahda, hemm provi bizzejjed li l-hsara grat minhabba responsablita' ta' terzi u mhux tas-socjeta' konvenuta.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, bejn il-posizzjoni legali kif proposta mis-socjeta' attrici appellanti, u dik spjegata jew pretiza mis-socjeta' konvenut appellata, ma hemmx wisq differenza. Il-kwistjoni kollha infatti tirrizolvi ruhha dwar x'inhi u sa fejn tasal ir-responsabilita' tal-vettural u jekk il-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti dwar piz ta' prova u espletar ta' dan l-oneru sarx korrettement jew le.

Fil-fehma ta' din il-Qorti s-sottomissjoni ta' l-appellant illi l-vettural japplika ghalih l-artikolu 1628 tal-Kodici Civili, u cioe' illi ghandu dwar il-kustodja u l-harsien tal-hwejjeg fdati lilu bl-istess obbligi tad-depozitarju, m'ghandux ikun hemm kwistjoni ghax dan huwa hekk. L-artikolu 1630 imbaghad, jispjega illi l-vettural huwa obbligat inter alia ghall-hsarat li jigru fl-oggett meta ma jippruvax illi l-haga ntilfet jew gratilha hsara b'accident jew b'forza magguri u minghajr il-htija tieghu. Jigifieri dan illi l-pozizzjoni hi li s'intendi l-ewwel is-socjeta' attrici kellha l-oneru li tipprova illi dahlet f'kuntratt ta' garr ta' merkanzija mas-socjeta' konvenuta; illi l-merkanzija giet ricevuta mis-socjeta' konvenuta fi stat tajjeb, u li meta waslet ghand id-destinatarju ma kienetx ghadha f'tali kondizzjoni imma kienet tinsab danneggjata. Minn hawnhekk il-quddiem l-oneru jixxiftja s'intendi fuq is-socjeta' konvenuta li ghandha l-

obbligi kontrattwali taghha u kif regolati mhux biss mill-kuntratt imma anke mil-ligi. Jidher illi f'dan ir-rigward l-ewwel Onorabbli Qorti verament giet xi ftit jew wisq zvijat billi, minn kif qeghda tifhem din il-Qorti, assumiet illi l-prova tar-responsabilita', cioe' tat-tort tas-socjeta' konvenuta, kienet tispetta lilhom. In realta' din il-Qorti taqbel mat-tezi ta' l-attur illi din il-prova kienet tispetta lis-socjeta' konvenuta u mhux lis-socjeta' attrici.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, minn ezami ta' l-atti processwali, il-konkluzzjonijiet li tasal ghaliha huma s-segwenti:-

1. Fl-ewwel lok is-socjeta' konvenuta ma tistax tinheba jew tistrieh wara l-paraventu tal-persuni ohrajn li ppartecipaw fil-*groupage container*. Dana ghaliex ir-responsabilita' kontrattwali taghha kienet hemm u baqghet hemm u semai twieldu relazzjonijiet guridici ma' haddiehor li fir-rigward tas-socjeta' attrici huma *res inter alios acta*.

2. It-tieni, ic-cirkostanzi stess fattwali tal-kaz juru li kien hemm nuqqas ta' diligenza da parti ta' xi hadd, kien min kien, u li m'huwiex tali li pero' jiskolpa r-responsabilita' tas-socjeta' konvenuta vis-à-vis is-socjeta' attrici li jekk qabbdet appaltaturi jew sub-appaltaturi ohra tirrispondi ghalihom hi fit-termini ta' l-artikolu 1642 kif pretiz mis-socjeta' attrici.

Fir-rigward tal-kumplament, cioe' dwar il-konsistenza tad-danni sofferti, din il-Qorti jidhrilha li l-prova saret.

Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell billi tilqa' l-istess u konsegwentement tirrevoka s-sentenza appellata u ghalhekk, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut filwaqt li tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi a karigu tas-socjeta' konvenuta.

Dep/Reg

mm